Mozzjoni rigward Triq San Pawl Hal Safi

Fid-dawl li issa nfethet Valletta Road fiz-Zurrieq u wara li esperjenzajna l-gheluq ta' Triq San Pawl ghal one-way inhossu li din it-triq anda terga tigi ghall-pozizzjoni li kienet qabel voldieri li jkun accessibbli id-dhul minn din it-triq ghac-centru ta' Hal Safi. Qieghdin nistennew li l-kunsill jkun unanimu f'din id-decizjoni wara l-ilmenti li hemm minn naha tal-hwienet li ghandna f'din l-area li jhossu li l-kummerc naqsilhom sew, kif ukoll minhabba l-ilmenti tan-nies li issa qieghdin jhossu li r-rahal u aktar u aktar ic-centru tieghu sar minghajr attivita ta' xejn.

Qieghed jkun ukoll nnotat li wara li sar il-progett ta' Misrah San Guzepp u ntefqet somma sostanzjali mill-kunsill fuq dan il-progett, li wiehed mill-ghanijiet tieghu kien il-laqta antika tieghu titgawda sew mill-Hal Safin kif ukoll minn dawk kollha li jzuru Hal Safi, issa din il-mira falliet ghax il-misrah mhux aktar accessibbli ghal kull min jghaddi minn Hal Safi izda biss minn dawk li verament jkollhom bzonn jersqu lejn dik in-naha.

Ghalhekk, ahna l-kunsilliera laburisti, qieghdin inressqu din il-mozzjoni biex tigi diskussa fl-ewwel laqgha li jmiss u l-Kunsill jaqbel li jerga jinfetah l-access minn Triq San Pawl ghal go r-rahal ta' Hal Safi.

Francis Callus
Kunsillier – Minority Leader

Eddie Bonello
Kunsillier